# Taħlita ta' memorji u xi tagħrif fuq l-Empire Stadium

**Kitba ta' Bernadine Scicluna**



Memè Scicluna

Niftakar sew il-kelb tagħna jinbaħ u jingħi bla waqfien kull nhar ta' Ħadd wara nofsinhar. Kont vera nitħassru narah jitbażwar hu u jintebaħ bl-għajjat u l-istorbju tal-folol li bi ħġarhom kienu jsegwu l-logħob tal-futbol viċin id-dar tagħna fil-Gżira. Niftakar ukoll inħares 'il fuq u nilmaħ in-nies bilqiegħda jew bilwieqfa mperrċin fuq il-ħitan għoljin tal-iStadium igawdu l-aħjar veduta tal-logħba akkost li jissugraw ħajjiethom.

Din il-memorja tmur lura għal meta kien għad kelli xi 8 jew 9 snin, jiġifieri fl-1978 jew l-1979 – ftit snin qabel ma' ngħalaq l-iStadium tal-Gżira għal kollox fl-1981. Tant konna ngħixu qrib li mill-bejt stajna naraw il-grawnd kollu. Min jaf kemm kien jirrakkontalna missieri, kif ukoll ommi, ħafna stejjer fuq l-iStadium, u l-iżjed fuq l-Empire Stadium u, qablu, l-Empire Sports Ground. Naħseb ma nkunx qiegħeda nesaġera jekk ngħid li ma kinetx tgħaddi ġurnata mingħajr ma missieri kien isemmi wkoll lil Carmelo Scicluna, magħruf l-iżjed bħala 'is-Sur Memé tal-Grawnd' fost il-Gżirjani u dawk kollha li kienu akkaniti għall-u b'xi mod jew ieħor, marbutin mal-futbol. Is-Sur Memé, li kien imexxi l-Mile End, fil-Ħamrun, li kien bena u mexxa l- Empire Sports Ground mill-1922 u, 10 snin wara, l-Empire Stadium sa mewtu fl-1952, kien in-Nannu tiegħi. (1. Ritratt: Is-Sur Memé Scicluna)




Grazzi għar-rakkonti u t-tifkiriet ta' missieri, ir-raba' wild minn ħamsa tan-Nannu u n-Nanna Elvira Testaferrata Moroni Viani, is-Sur Memé Scicluna baqa' ħaj allavolja kien ilu mejjet 18-il sena minn meta twelidt jien. Fil-verità, il-memorja tiegħu baqgħet b'saħħitha fuq fomm in-nies, speċjalment il-Gżirjani u oħrajn li jiftakkruh jew semgħu bih. Baqa' mfakkar ukoll permezz ta' diversi kommemorazzjonijiet fil-Gżira stess: il-misraħ (fejn hemm iċ-Ċentru tas-Saħħa) li hija msemmija għalih bħala 'Pjazza Memé Scicluna', u li fiha jinsab il-bust tiegħu li kien inawgurat f'Diċembru tal-2002 fl-okkażjoni tal-għeluq il-50 sena minn mewtu; u l-plakka tal-irħam inti u dieħel fil-Każin tal-Banda tal-Madonna tal-Karmnu fejn ismu huwa mnaqqax bħala l-ewwel President tal-imsemmija Għaqda maħtur fl-1948. (2. Ritratti: Dettalji mill-Pjazza Memé Scicluna u l-Bust tiegħu)

X'ma jistħoqqlux li jibqa' mfakkar u b'liema għożża s-Sur Memé meta wieħed iqis kemm kien biddel il-ħajja soċjali tal-Gżira u saħansitra dik tal-bliet fl-inħawi tal-portijiet, kif ukoll lil hinn. Meta bena l-Empire Sports Ground fl-1922, il-futbol ħa spinta tajba għax kien hawn fejn il-kompetizzjonijiet bejn it-timijiet Maltin u dawk barranin ħadu qagħda ħafna iżjed organizzata. Għalkemm il-Ground inbena kważi seklu ilu, għal dak iż-żmien, kien attrezzat b'dak kollu li kien meħtieġ: piċċ imdaqqas, spazzju biżżejjed wara l-lasti u mal-ġnub tal-grawnd, kmamar għat-tibdil u post fejn setgħu jingħataw is-servizzi tal-ewwel għajnuna.

Uffiċċjalment inawgurat mill-Gvernatur Ingliż ta' Malta, Herbert Plumer (1919-1924), akkanit kbir tal-futbol, l-Empire Sports Ground gawda minn popolarità kbira għal ftit inqas minn 10 snin. Pero' l-ambizzjoni u l-ħeġġa imprenditorjali tas-Sur Memé, mgħejjun bl-għerf u l-bżulija ta' esperjenza twila fin-negozju, ma kinitx tħallih bi kwietu. Għalhekk wara safra lejn Londra fejn daħal fi ftehim ma' kumpanija ta' fama internazzjonali ta' periti speċjalizzati fid-disinn u l-bini ta' stejdjums, 'Messrs Marshall and Partners of Grey's Inn', Scicluna ħareg bi proġett għall-bini ta' grawnd tal-futbol ikbar u ħafna iżjed lussuż bħala faċilitajiet tal-ogħla kwalità kemm għat-titjib tal-logħob innifsu kif ukoll bħala varjetà fit-tip ta' divertiment għan-nies – u b'hekk nibet l-Empire Stadium.



L-Empire Stadium infetaħ lejliet il-Milied






tal-1933 għalkemm kien għadu mhux lest. Fi stat komplut, l-Empire Stadium kien kumpless modern u ta' livell ta' sofistikazzjoni qrib dak ta' stejdjums kbar barra minn Malta. Matul is-snin baqgħu isiru ħafna tibdiliet u rinovazzjonijiet sew bħala manutenzjoni u sew bħala titjib skont l-iżvilup tar-regolamenti u l-organizzazzjoni tal-logħob, u l-ħtiġiet taż-żminijiet speċjalment wara it-Tieni Gwerra Dinjija (1939-1945) meta Malta u, tista' tgħid id-dinja kollha, kienet imbidlet totalment.

Ftit wara li nfetħu l-bibien għall-pubbliku, l-Empire Stadium ma damx wisq sakemm beda' jiġbed eluf ta' ammiraturi tal-futbol, tant li ma kienx jgħaddi tmiem il-ġimgħa li l-post ma kienx ikun mimli sa ruħ ommu. Meta tqis li l-Empire Stadium seta' jilqa' mat-30,000 spettatur, wieħed japprezza l-ħerqa liema bħala tan-nies – u dan lanqas qegħdin insemmu l-mijiet l-oħra li kienu jaraw il-logħob mill-bjut u l-gallariji tad-djar fil-viċinanzi, jew ir-rasses li kienu jispiċċaw bilwieqfa ġewwa. Wieħed jistgħaġeb meta jqis li din il-popolarità kollha ma kinitx tinkiseb biss minħabba xi logħba finali jew semi-finali jew xi waħda partikolarment iżjed eċċitanti mis-soltu. Il-futbol fl-Empire Stadium kien attrazzjoni bla rażan. Ħafna kienu u għadhom jiftakru sew l-istorbju, iċ-ċapċip, it-tisfir, il-kant ta' xi innu marbut mat-timijiet u l-ħoss qisu mewġ t'għajjat mill-Valletta side, jew mill-Floriana side jew mis-Sliema side li kien jinstema' mill-bogħod.

Minn belt pjuttost kwieta, il-Gżira kienet tassew tinbidel f'dawk il-ġranet tal-logħob. Għadhom isostnu n-nies, sal-ġurnata tal-lum, li qatt ma ntlaħaq dak il-livell ta' entużjażmu daqs dak li kien jintwera meta l-Empire Stadium kien miftuħ. Fil-qasam tal-isports f'Malta, m'hemmx dubju li l-Empire Stadium kellu rwol ferm importanti dan għaliex, għal 30 sena, ipprovda l-opportunità fejn il-kwalità u l-istil tal-futbol setgħu jilħqu l-quċċata.

*tkompli minn paġna 45*

Is-Sur Memé dejjem kien jara x'jivvinta. Waqt li l-futbol kompettitiv baqa' l-aktar attività ċentrali, daħħal affarijiet oħra: bħat-Tournées tal-Milied, li maż-żmien saru mistennija ħafna, il-ġlied tal-boksing u l-lotta, il-kompetizzjonijiet tal-atletika u t-tiġrijiet tal-motoċiklisti u tal-poni. Kien strumentali fl-introduzzjoni tat-tiġrijiet tal-klieb tal-fenek li, fil-fatt, kien għalihom li bena korsa apposta li kienet parti mill-aspetti innovativi marbutin mal-proġett tal-Empire Stadium. Minbarra dawn l-attivitajiet ta' sports, is-Sur Memé kompla jwessa' r-repertorju ta' divertiment biċ-ċirki ta' kumpaniji barranin, spettakli tat-teatru, wirjiet tal-karnival, u l-ġambori tal-iScouts u l-Girl Guides taħt il-patroċinju ta' Lord Baden Powel (1857-1941). Minbarra l-fatt li dawn l-attivitajiet kollha kienu mifruxin matul il-ġimgħa, fil-bidu tas-snin ħamsin kien sar esperiment, għalkemm qasir, bl-introduzzjoni tal-mixegħla tad-dawl (*floodlights*) biex il-futbol seta' jintlagħab filgħaxija. Insomma l-enerġija u l-ħidma tas-Sur Memé kienu bla waqfien: tant hu hekk li anki waqt is-snin diffiċli tat-Tieni Gwerra Dinjija, l-Empire Stadium baqa' miftuħ għal-logħob mhux kompettitiv tal-futbol biex jgħolli l-moral tan-nies. Minħabba dan kollu, l-Empire Stadium kien sar il-post ewlieni tar-rikreazzjoni fil-kalendarju soċjali tal-Gżira u tal-pajjiż kollu.







**Il-folol barra u ġewwa l-Empire Stadium**

Il-grawnd tal-Empire Stadium, magħruf għall-ħruxija tiegħu miż-żrar li bih kien jinkesa l-piċċ, kien xhieda ta' ħafna futbol minn plejers Maltin u barranin, xi wħud ta' kalibru tassew għoli. Intlagħbu diversi kompetizzjonijiet u kampjonati Maltin u Ewropej matul it-30 sena tal-Empire Stadium li t-tmexxija tiegħu kienet f'idejn is-Sur Memé, u wara mewtu fl-1952, taħt it-tfal subien tiegħu, jiġifieri missieri, Joseph (1932-), u ħuh, il-kbir u issa mejjet, Tony, sal-1962. F'Marzu ta' dik is-sena, it-tmexxija tal-Empire Stadium ingħatat lill-Familja Testaferrata Moroni Viani għax l-art tal-Empire Sports Ground u l-Empire Stadium kienet tagħhom. Meta ried jibni l-ewwel grawnd, is-Sur Memé kien ħa l-art mingħand ħatnu, in-Nobbli Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani (1886-1954), fuq ċens temporanju ta' 40 sena li meta ngħalaq, il-werrieta Testaferrata Moroni Viani ħadu f' idejhom it-tmexxija tal-logħob tal-futbol mingħand l-aħwa Scicluna u kien minn dak iż-żmien li l-isem tal-post imbidel għal 'The Stadium'.



**Tipi ta' Divertiment fl-Empire Stadium**


R.N. BOXING TOURNAMENT

EMPIRE STADIUM, GZIRA.

Friday, 1st June, 1945 at 2000.

OFFICIALS

| | |
|---|---|
| *Referees* .... | Capt. Podesta. Lieut.-Comdr. Baal, R.N.V.R. |
| *Judges* .... | Lieut.-Comdr. Shaw, R.N.V.R. Mr. Kidd, R.N. |
| *Timekeeper* | Sergt. Evans, R.M. |
| *Medical Officer* | Surg.-Lieut. McDonald, R.N.V.R. |
| *M.C.* .... | C.P.O. Humphreys. |

PROGRAMME PRICE 3d.

**Biljett tad-dħul**

Il-futbol lokali u internazzjonali, apparti minn diversi attivitajiet oħra bħal kunċerti, attivitajiet tal-isports tal-iskejjel, komplew isiru fl-iStadium sad-29 ta' Novembru tal-1981. Din id-data tagħlaq għal kollox il-kapitlu twil ta' 60 sena ta' dan is-sit fl-istorja tal-futbol f'Malta.

Ħasra li l-parti kbira mill-ex-plejers, ex-kowċijiet, dawk kollha li kellhom x'jaqsmu mal-futbol u mal-organizzazzjoni tal-attivitajiet li kienu jsiru fil-grawnd u l-eluf ta' spettaturi li għalihom l-Empire Sports Ground (1922-1933), l-Empire Stadium (1933-1962) u l-iStadium (1962-1981) saru t-tieni dar tagħhom, laħqu mietu, għax magħhom indifnu min jaf kemm-il memorja. Fortunatament il-publikazzjonijiet ta' kotba u artikli fuq il-futbol f'Malta u l-grawnd tal-Gżira għenu mhux ftit biex jinżammu ħajjin il-ġrajjiet kbar u żgħar








**Dehera maestuża tal-faċċata tal-Empire Stadium**

marbutin b'mod speċjali ma' dan is-sit. Ġrajja kbira li mhux talli ma tintesa qatt fl-istorja soċjo-politika ta' Malta imma li spirat lill-poeta Malti, Ružar Briffa (1906-1963), seħħet fl-25 ta' Marzu tal-1945 propju ġewwa l-Empire Stadium. Qabel ma bdiet il-logħba bejn l-MFA XI u l-Hadjuks mill-Jugożlavja, indaqq l-innu tat-tim stranġier u dak Ingliż peress li dak iż-żmien konna għadna taħt l-Imperu Britanniku. Fin-nuqqas tad-daqq tal-innu Malti, il-Maltin fost il-folol ħassewhom offiżi, tant li għall-għarrieda qamu jkantawh. Xejn ma ngħidu, din kienet sitwazzjoni imbarrazzanti u mhux ftit imwgħiera għal Gvernatur preżenti, Edmond Schreiber (1944-1946), li kellu jissapporti l-ispirtu patrijottiku tal-kotra li qamet f'daqqa...għanniet f'daqqa...L'Innu Malti tagħna, u l-leħen kien rebbieħ kif il-pinna ta' Briffa tixhed.

Xi sejv spettakolari, logħob li qajjem kontroversja, tqassim tal-ballun li jixhed il-bravura teknika ta' xi plejers, il-*Walker* li waqt il-*halftime* kien joħroġ fil-piċċ jgħawweġ il-ħadid bħala divertiment, u l-iljunfant taċ-ċirklu mwerwer minħabba l-murtali tal-festa li qabad jiġri mingħajr kontrol huma biss frak mill-ħafna stejjer li wrietna grazzi għall-kitbiet u r-rakkonti bil-fomm, kif ukoll il-midja soċjali, li fasslu u jkomplu jfasslu l-istorja ta' 60 sena tal-grawnd tal-Gżira. Ħaġa verament tal-għaġeb hi kemm għad hawn nies li b'nostalġja kbira jaqsmu l-memorji tagħhom fuq iż-żminijiet tal-Empire Stadium u tal-iStadium. Jalla li dawn it-tifkiriet personali, li huma imprezzabli, b'xi mod jew ieħor ma jintesewx u ma jintilfux bil-mogħdija taż-żmien. Anzi nagħmel appell biex dawn il-memorji ma jitħassrux bl-istess destin ta' tmermir li l-ħitan u l-istrutturi tal-grawnd spiċċaw. Importanti ħafna li l-sforzi biex il-kitba, it-tqassim ta' informazzjoni, ritratti u filmati fuq it-televiżjoni u l-midja soċjali, u r-riċerka jkomplu biex l-istorja għonja tal-Empire Sports Ground, l-Empire Stadium u li-iStadium tibqa' titwassal għax fuq kollox hija parti mill-wirt soċjo-kulturali tagħna.